# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 27 ta' Mejju 2018
Solennità tat-Trinità Qaddisa
Sena B

**Introduzzjoni**

Illum il-Knisja tiċċelebra s-solennità tat-Trinità Qaddisa u tistedinna sabiex aħna tassew nistqarru t-twemmin tagħna f'Alla wieħed.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Dewt 4, 32-34.39-40)

It-tweġiba tal-bniedem quddiem Alla li jsalva hija dik tal-ubbidjenza lejn il-liġijiet tiegħU.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 32)

Hieni l-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu

**It-Tieni Qari** (Rum 8, 14-17)

Alla jibqa' fl-imħabba u s-sliem mal-bniedem jekk dan jisma' dak li jgħidlu u jgħix fl-għaqda.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 28, 16-20)

Il-Knisja hija l-poplu ta' Alla. Dan il-poplu hu magħqud flimkien fil-fidi u fit-tifħir lit-Trinità Qaddisa.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

It-Trinità Qaddisa hija l-qofol tal-fidi tagħna, u l-fidi tagħna hija għajn ta' ferħ bla tmiem. Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dan il-misteru hekk kbir.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Min jgħix fi Kristu u jxandar il-Kelma tiegħU jibqa' fl-imħabba, fis-sliem, u fl-għaqda mal-bniedem. L-Ewkaristija tagħtina dan is-sostenn.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.